# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-18 ta' Frar, 2020**

Appell numru 317 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Joseph CORTIS**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-5 ta' Lulju, 2017 fil-konfront ta' Joseph CORTIS, karta tal-identità bin-numru 712056M li ġie mixli:

   1) Fil-kapaċita' tiegħu bħala direttur ta' Calibre Industries Limited sitata fil-Qasam Industrijali, San Gwann fis-7 ta' Settembru 2007 għall-ħabta tat-0800 b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġuna l-mewt ta' Joseph Spiteri u dan ai termini tal-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali;
   2) talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurta tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji

kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan bi ksur tal-artikoli 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) talli bħala persuna li tħaddem, fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas li jagħmel jew li jiżgura li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikoli għas-saħħa u sigurta kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impruża u dan ai termini tar-regolament 10(1) tal-Avviż Legali 36 tal-2003.

4) talli bħala persuna li tħaddem aktar minn ħames ħaddiema jew aktar, fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jiżgura li jkunu aġġornati regolarment u dan ai termini tar-regolament 10(2) tal-Avviż Legali 36 tal-2003.

5) talli bħala persuna li tħaddem, fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas li jiżgura s-saħħa u s-sigurta tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol u jagħmel arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazjoni, kontroll, munitoraġġ, u rivista tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriża u li naqas ukoll li jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol u għal dan il-għan tippreveni r-riskji fuq il-post tax-xogħol u li jipprovi informazzjoni u taħriġ kif meħtieġ ai termini tar-regolamenti 4(1)(2)(3) tal-Avviż Legali 36 tal-2003;

6) talli bħala persuna li tħaddem, fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas illi wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriża naqas milli jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u li jevita r-riskji għas-saħħa u s-sigurta u li jevalwa dawn ir-riskji li ma jkunux jistgħu jiġu evitati u li jikkontrollahom mill-bidu u jadatta x-xogħol għall-individwu; kif ukoll naqas milli jevalwa r-riskji għas-saħħa u s-sigurta fost l-oħrajn fl-għażla tat-tagħmir tax-xogħol, tal-prassi u l-attivitajiet tax-xogħol, u l-għażla u tagħmir tal-postijiet tax-xogħol, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-ħaddiema sabiex iwettqu x-xogħol assenjat lilhom mingħajr perikoli u li jiżgura li jsib titjib fil-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fejn jidħu saħħa u sigurta u dan ai termini tar-regolamenti 5(1)(i)(ii)(iii) u 6(1)(2) tal-Avviż Legali 36 tal-2003.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-

imputat appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' disa' xhur priġunerija sospiżi għal perjodu ta' sentejn kif ukoll għal multa ta' disat elef euro (€9000), nonche l-ħlas tal-ispejjeż peritali.

3. Illi minn din is-sentenza John CORTIS interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u li tilliberah minn kull ħtija u piena; u sussidjarjament, fin-nuqqas li tirrevoka s-sentenza appellata, li tvarja l-istess sentenza billi tirriduċi l-piena inflitta. Dan għar-raġunijiet segwenti li, in suċċint, huma : -

a. Li, bażata fuq il-provi prodotti, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx issib ħtija fih. Dan peress li :

i. Għalkemm huwa kien direttur tal-kumpanija Calibre Industries, xogħolu kien biss fuq l-aspett amministrattiv u finanzjarju. Huwa ma kienx involut fl-operazzjonijiet diretti tal-kumpanija. Il-kumpanija kienet impjegat nies t'esperjenza fil-qasam tagħhom. Huwa kien joqgħod lura mill-involviment fid-deċiżjonijiet li waslu għall-inċident fatali.

ii. It-tmexxija tal-operazzjonijiet tal-kumpanija Calibre Industries kienet fdata f'idejn ħuh Ray Cortis. Dan irriżulta mix-xiehda tal-istess Ray Cortis, mix-xiehda tar-rappreżentant ta' OHSA Kevin Gauci, kif ukoll mir-relazzjoni tal-Profs Alfred Vella li kien ħa x-xiehda tiegħu waqt li kien qiegħed jaħdem fuq ir-relazzjoni tiegħu. Ray Cortis kien il-persuna responsabbli mill-fabbrika u kien dak li ffirma r-Risk Evaluation Report datat 22 ta' Ġunju 2004, mnejn jirriżulta li l-uniċi rimarki magħmula mill-OHSA kienu dwar faċilitajiet tal-ikel u tal-*welfare*.

iii. It-twettieq tax-xogħol tal-ħġieġ kienet fdata f'idejn il-vitma, li kellu madwar tletin sena esperjenza f'dax-xogħol. Spiteri kellu t-teknika u l-esperjenza meħtieġa. Iżda kien ukoll ġie mgħammar b'magna speċjalizzata u sofistikata għall-qtugħ tal-ħġieġ. Dakinhar tal-inċident huwa għażel li ma jużahiex għall-biċċa xogħol li kien qiegħed jagħmel. Minflok Spiteri għażel li jaħdem bil-metodu tradizzjonali tal-qtugħ bid-djamant u bl-użu tal-*methylated spirit* li huwa metodu aktar riskjuż u perikoluż. Dan huwa għamlu minn jeddu u mingħajr indħil da parti tal-appellant. Spiteri kien l-

imgħallem u responsabbli mix-xogħol tal-qtugħ tal-ħġieġ mingħajr indħil da parti tal-appellant. Huwa kien trawwem mal-kumpanija Guillaumier Industries, li kienu pijunieri f'dak il-qasam.

iv. Il-kumpanija Calibre Industries ma kienetx tindaħal lil Spiteri fl-eżekuzzjoni tax-xogħol tiegħu. Anzi kienet provdietlu l-magna speċjalizzata li hu kellu juża bla perikolu. Spiteri kien provdut bit-tagħmir ta' sigurta. Huwa kien bniedem kawt u qatt ma kellu inċidenti fil-karriera tiegħu ta' tletin sena f'dak ix-xogħol. Il-*methylated spirit* li kien uża dakinhar kien jiġi maħżun fi store apposta u Spiteri kien jimla biss ftit fi flixkun tal-plastik li kien juża bħala *applicator*.

v. Ħadd ma kien preżenti ma Spiteri meta seħħ l-inċident. Il-konklużjonijiet tal-espert tekniku Profs Alfred Vella dwar kif seħħ l-inċident kienu bażati fuq dak li dan l-espert assuma li setgħa ġara u mhux dak li fil-fatt ġie pruvat in bażi għal provi.

vi. Spiteri kien responsabbi mhux biss biex jagħmel dak kollu meħtieġ skont l-arti u s-sengħa, iżda wkoll fejn tidħol sigurta. Anke skont Kevin Gauci mill-OHSA, l-inċident ma seħħx minħabba *bad practice of work* iżda minħabba li l-kontenut fejn fih kien jinżamm l-ispirtu kien spiċċa. Il-metodoloġija wżata mill-vitma kienet waħda minn tnejn li setgħu jiġu wżati. Il-kumpanija Calibre Industries kienet qabdet persuna li kient tas-sengħa, kompetenti u t'esperjenza fuq xogħolha u li kien provdut b'makkinarju modern u taħriġ meħtieġ biex xogħolu setgħa jagħmlu b'mod effiċjenti u sigur. Ħadd ma setgħa jipprevedi li l-flixkun li fih kien qed iżomm l-ispirtu kien seta' jinqasam bil-mod kif ġara.

vii. Il-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tispjega kif waslet għall-konklużjonijiet tagħha li ssib lill-appellant responsabbli għall-dan l-inċident u dwar in-negliġenza kriminali li fuqha kienet sabitu ħati. L-appellant itenni li mkien ma ġiet pruvata kondotta volontarja negliġenti da parti tiegħu. Huwa personalment ma kienx iħaddem lil Spiteri. Spiteri kien impjegat mal-kumpanija Guillaumier Industries li kienet ġiet akkwistata minn Calibre Industries Limited u li kien baqa' impjegat magħha. Spiteri kien baqa' l-espert u l-imgħallem fuq is-sengħa tal-qtugħ tal-ħġieġ.

viii. Calibre Industries Limited bl-ebda mod ma naqset mill-obbligi tagħha dwar is-Saħħa u s-Sigurta. Il-mod kif seħħ dan l-inċident kien nieqes mir-rabta bejn il-kawża tal-inċident u l-event dannuż. L-appellant ma kellux responsabbilta' ta' ksur ta' liġijiet u regolamenti tas-saħħa u sigurta. Huwa kien direttur, iżda l-kumpanija kellha struttura li kienet tiddelega responsabbiltajiet tax-xogħol lil *Operations* u *Sales Manager* li kien jieħu ħsieb it-treġija tal-kumpanija ta' kuljum. Apparti minn hekk kienet ukoll iddelegat lil Spiteri nnifsu bħala l-persuna responsabbli mit-twettieq tax-xogħol. Din l-istruttura ġerarkika kienet taħdem. L-

appellant ma kellux u ma setgħax ikollu tagħrif dwar il-kundizzjoni tal-flixkun li kien qiegħed juża Spiteri meta seħħ l-inċident.

ix. Calibre Industries Limited kienet għamlet li setgħet dak iż-żmien biex tassigura s-saħħa u s-sigurta tal-ħaddiema tagħha. Għalkemm l-appellant jikkonċedi li kif xehed Kevin Gauci mill-OHSA, ma kienx hemm *risk assessment* tal-proċedura li kien qiegħed jagħmel Spiteri, din ma kienetx saret minħabba li fl-esperjenza twila tax-xogħol li kellu ħadd ma qies li l-proċedura kien fiha xi riskji. Biss *risk assessment* kien sar u kien suffiċjenti.

x. Il-piena erogata kienet sproporzjonata fid-dawl ta' dak li seħħ f'dan il-każ. Wara li Spiteri inħaraq u ttieħed l-isptar, huwa kien beda jfieq sew, kien konxju, fuq saqajh u jitkellem normali. Ġara pero li waqt li kien għadu rikoverat l-isptar qabditu infezzjoni. Kien minħabba din l-infezzjoni li feġġew diversi kumplikazzjonijiet li minħabba fihom spiċċa tilef ħajtu. Il-Qorti naqset milli tagħti piż meħtieġ lil dan il-fattur. Din kienet kumplikazzjoni li skont kif xehed il-kirurgu Francis X Darmanin kienet rari ħafna u fi żmien għoxrin sena prattika tiegħu kienet l-ewwel darba li kien ra waħda bħalha f'Malta.

4. Illi permezz ta' nota responsiva l-Avukat Ġenerali laqgħa għal dawn l-aggravji bil-mod segwenti : -

i. Illi l-konklużjonijiet tal-espert tekniku Profs. Alfred Vella ġew mogħtija minnu qua espert fil-materja teknika. Għalkemm il-Qorti mhix marbuta bihom, ma tistax tiskartahom b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Kwalsiasi ġudizzju li jmur kontra l-konklużjonijiet peritali għandu jkun motivat sewwa. L-appellant ma wera ebda raġuni valida għaliex il-Qorti tal-Maġistrati kellha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet peritali. Dawn il-konklużjonijiet kienu wkoll imsaħħa mir-ritatt tal-flixkun tal-plastik li fih kien maħżun l-ispirtu u li juru kif dan il-flixkun spiċċa wara l-inċident.

ii. L-appellant jirriżulta li huwa l-uniku direttur ta' Calibre Industries Limited. Joseph Spiteri jirriżulta li kien impjegat ma' din il-kumpanija. Skont l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni meta reat ikun sar minn korp jew għaqda ta' persuni, kull persuna li fil-ħin tal-egħmil tar-reat kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjali ieħor simili tal-korp jew għaqda jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr l-għarfien tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat.

iii. Anke bis-saħħa tal-artikolu 136A tal-Att dwar il-Kumpaniji id-diretturi ta' kumpanija għandhom jippromwovu l-benessere tal-kumpanija u jkunu responsabbli għat-tmexxija ġenerali tal-kumpanija, l-amministrazzjoni, l-immaniġġar tagħha u s-sorveljanza ġenerali tal-

affarijiet tagħha. Dan ifisser li l-funzjonijiet ta' direttur ta' kumpanija huma vasti u ġeneriċi. Ebda direttur ma jista' juża r-responsabbilitajiet interni tal-kumpanija biex jipprova jiskolpa ruħu minn nuqqas t'osservanza ta' doveri u obbligi mopsti fuq bħala direttur. F'dan il-każ l-appellant kien l-uniku direttur ta' din il-kumpanija.

iv. Ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li Spiteri kien jaħdem fil-ħġieġ u li huwa sofra ħruq estensiv meta kien qiegħed juża *methylated spirit* biex jaqta' ħġieġa *laminated*. Mir-relazzjoni tal-Profs Vella irriżulta li dan l-ispirtu huwa likwidu li jaqbad faċilment. Profs Vella jikkonkludi li l-kontenitur li bih kien qiegħed jiġi mferra' l-alkoħol inqasam f'idejn Spiteri minħabba li kien ilu fl-użu. Dan kien jirriżulta mill-fatt li l-kliem stampati tiegħu kienu tfew u l-plastik tal-kontenitur ma kienx għadu morbidu, iżda kien pjuttost iebes u riġidu – li jindika li l-plastik tilef il-*plasticizer material* li kien jirrendih artab u b'hekk setgħa jinkiser u jitfarrak malajr.

v. Mix-xiehda tar-rappreżentant tal-OHSA Kevin Gauci rriżulta li dan il-kontenitur kien flixkun tad-Dermofardi u ma kienx kontenitur adegwat biex iżomm fih *methylated spirit*. Apparti hekk Calibre Industries Limited ma kienetx għamlet *risk assessment* fuq il-proċedura li kien qiegħed juża Joseph Spiteri – għalkemm il-*methylated spirit* kien jaqbad malajr u kien ħażin meta wieħed ixommu. Minkejja dan, l-użu ta' dan il-*methylated spirit* kien normali li jintuża fuq il-post tax-xogħol ta' din il-kumpanija immexxija mill-appellant.

vi. Ir-*Risk Evaluation Report* preżentat mill-appellant ma kien jagħmel ebda ċenn għall-proċedura tal-użu tal-*methylated spirit* jew l-użu ta' kimiċi oħra li jaqbdu malajr. Ray Cortis, li ħejja dar-rapport ma kellu ebda kwalifiki dwar saħħa u sigurta fuq il-post tax-xogħol. Id-dokumentazzjoni l-oħra ma kienet bl-ebda mod turi li l-OHSA kienet approvat il-mod kif sar dan ir-rapport.

vii. Ladarba Joseph Spiteri kien qiegħed jagħmel xogħol għall-kumpanija li tagħha l-appellant kien l-uniku direttur, huwa kellu d-dmir li jassigura li ma jkunx hemm perikli fuq il-lant tax-xogħol. Ix-xogħol tal-ħġieġ kien jippreżenta perikoli partikolari u kellu jkun hemm evalwazzjoni ta' dawn il-perikoli u riskji biex kemm jista' jkun jiġu evitati. Ladarba ma kienx hemm tali *risk assessment* speċifiku, l-appellant jiġi li naqas minn dmiru skont l-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan kien ifisser ukoll li n-nuqqas tal-appellant li josserva dawn ir-regoli fihom infushom iwaslu għal rabta ta' kawżalita bejn in-nuqqas t'osservanza tar-regolamenti da parti tal-appellant u l-event dannuż li segwa l-inċident ossija l-mewt ta' Joseph Spiteri.

viii. Għalkemm l-appellant jgħid li ħadd ma kien jgħaddilu minn moħħu l-fatt li l-flixkun kontenenti l-*methylated spirit* setgħa jinfaqa' mill-qiegħ, l-Avukat Ġenerali itenni li dan ma kienx il-każ. L-element tal-prevedibbilta' għall-fini tal-kondotta kolpuża hija preżunta meta si tratta ta' reati minħabba non osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-każijiet mhux possibbli jew ammess lill-

aġent li jressaq prova għall-kuntrarju. Din hija preżunzjoni assoluta. L-aġent ma jkunx jista' jgħid li l-event dannuż li ġara minħabba nuqqas t'osservanza da parti tiegħu ta' liġijiet jew regolamenti ma kienx wieħed prevedibbli għalih. L-element tal-prevedibbilita tal-leġislatur ikun qiegħed jissostitwixxi dak tal-aġent. Kien għalhekk li l-kondotta kolpuża hija definita bħala kondotta volontarja li tikkaġuna event dannuż, mhux volut, iżda prevedibbli, li seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali.

ix. L-appellant kellu l-obbligu li jevalwa r-riskji u jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex inaqqas dawn ir-riskji billi inter alia jipprovdi mezzi u oġġetti li jkunu f'kundizzjoni tajba u adegwata biex l-impjegati ma jkunux soġġetti għal riskju bla bżonn.

x. L-appellant huwa persuna li bil-liġi huwa meqjuż bħala wieħed li jħaddem. Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurta tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem. U l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u sigurta fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbilita ta' min iħaddem. Dawn ir-regoli japplikaw għas-setturi kollha ta' kull attivita privata. Anke jekk jirriżulta li l-ħaddiem stess ikun il-kaġun tad-dannu li huwa jkun sofra minħabba inġerenza da parti tiegħu, dan xorta ma jeżimix lill-appellant mir-responsabbilita tiegħu bħala *employer* minn nuqqasijiet tiegħu skont din il-liġi speċjali.

xi. Il-miżuri li jridu jittieħdu minn min iħaddem iridu jkunu *reasonably practicable.* Min iħaddem irid jagħmel evalwazzjoni tar-riskju billi jqiegħed ir-riskju fuq naħa u l-piżijiet (ta' flus, ħin u inkonvenjenzi involuti biex iwettaq il-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi evitat dan ir-riskju) fuq l-oħra. Jekk jiġi muri li hemm sproporzjon qawwi ħafna bejniethom, ċjoe li r-riskju jkun insinjifikanti meta mqabbel mal-piżijiet u oneri involuti, allura jitqies li min iħaddem ikun ħieles mill-oneru impost fuqu. L-oneru tal-prova li ċerti miżuri ta' sigurta ma jkunux raġonevoment prattiċi fis-sitwazzjoni partikolari jistrieħ fuq min iħaddem, li għandu wkoll iġorr il-piż tal-prova biex juri li huwa jkun ħa dawk il-miżuri raġonevolment prattikabbli kollha fiċ-ċirkostanzi. Dan huwa rifless ukoll fir-regolament 20 tal-Avviż Legali 36 tal-2003. L-appellant naqas milli josserva r-regolamenti relattivi għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol li bihom ġie mixli u misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan ukoll peress li f'dan il-każ l-appellant kien marbut li bħala persuna li tħaddem kellu jieħu prekawzjonijiet li pero ma ħadhomx - tant li ħalla bħala proċedura normali li fuq il-post tax-xogħol isir l-użu ta' *methylated spirit* minkejja li dan jaqbad faċilment u jagħmel ħażin meta wieħed ixommu u jinalaħ.

xii. Meta l-Qorti tal-Maġistrati ġiet biex teroga l-piena hija ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom il-kontributorjeta ta' Spiteri. L-appellant itenni li l-mewt ta' Spiteri ma seħħitx mill-ħruq innifsu, li għalkemm kien serju, ma kienx per se l-kawża tal-mewt. Biss l-Avukat

Ġenerali jisħaq li l-kawża tal-mewt ta' Spiteri kienet dovuta għal komplikazzjonijiet li seħħew minħabba li nħakem minn *Toxic Shock Syndrome* li skont il-kirurgu Darmanin kienet rikonoxxuta bħala komplikazzjoni serja f'pazjenti li jkunu sofrew ħruq medju jew sever. B'hekk il-vitma miet minħabba li kien sofra ħruq fl-ewwel lok. Il-piena kellha tirrifletti s-serjeta tal-fatt li persuna tilfet ħajjitha fuq il-post tax-xogħol.

xiii. In definittiva l-Avukat Ġenerali jisħaq li s-sentenza kellha tiġi konfermata fl-interita tagħha.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi f'dan il-każ din il-Qorti jidhrilha li in bażi għall-provi prodotti, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssib ħtija fl-appellant. Kwantu għal dak li jirrigwarda l-aspett tar-responsabbilita għal dan l-inċident, din il-Qorti taqbel mal-parti l-kbira mal-argumenti imresqin mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu. Il-Liġi regolanti s-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol hija liġi speċjali u partikolarment oneruża fuq min iħaddem, sa ċertu punt drakonjana, iżda intiża li tassikura li min imur jaħdem u jaqla' l-ħobża ta' kuljum jagħmel dan u wara jirritorna lura d-dar qawwi u sħiħ. Għalkemm l-akbar oneri qegħdin fuq min iħaddem, dan pero ma jfissirx li l-ħaddiem għandu *carta bianca* li jagħlaq għajnejh u ma jagħtix każ tas-saħħa u s-sigurta tiegħu innifsu.

6. L-imputazzjoni prinċipali hija dik tal-omiċidju involontarju li, f'dan il-każ, hija magħquda mal-inosservanza ta' liġijiet u regolamenti trattanti s-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol da parti tal-appellant qua direttur tal-kumpanija li magħha Spiteri kien

impjegat. Din il-Qorti tifhem li mhux kull kumpanija taħdem bl-istess mod. Hemm kumpaniji fejn id-diretturi jkunu jaħdmu maqtugħin għalihom lil hinn mill-ħaddiema tal-fabbrika u hemm kumpaniji oħrajn fejn id-diretturi jaħdmu u jkunu ħaġa waħda mal-ħaddiema fis-*shop floor*. Hemm imbagħad dawk li jkunu fit-triq tan-nofs. Minkejja dawn il-metodi differenti ta' kif diretturi jaqdu dmirhom u jġibu ruħhom mal-impjegati tal-kumpaniji immexxija minnhom, l-obbligi tagħhom qua diretturi jibqgħu hemm. Għalkemm irid jingħad li dawk li l-aktar ikunu involuti fit-tmexxija u li jkollhom kuntatt mal-ħaddiema u l-ħtiġijiet tagħhom – u li allura jkunu aktar kurrenti ma dak li jkun għaddej fl-operazzjonijiet tal-kumpanija għandhom ukoll sehem kbir mir-responsabbilta fil-każ ta' sinistru fuq il-post tax-xogħol.

7. Anke jekk ħuh Raymond Cortis kien delegat bir-responsabbilta' ta' tmexxija tal-operazzjonijiet ta' din il-kumpanija, tali delega ma teħlisx lill-appellant, bħala l-uniku direttur ta' Calibre Industries Limited, mid-dmir tiegħu ta' sorveljanza u implimentazzjoni attiva tal-liġijiet u regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol.

8. Ġie soddisfaċentement ippruvat li l-inċident seħħ minħabba li Joseph Spiteri, ħaddiem fis-sengħa tal-qtugħ tal-ħġieġ b'aktar minn tletin sena esperjenza, iddeċieda li jaqta' biċċa ħġieġa *laminated* bl-użu tal-metodu "tradizzjonali" tal-qtugħ bid-djamant u l-*methylated spirit* minflok bl-użu tal-magna li taqta' bil-lażer. F'dan il-każ ġie wkoll soddisfaċentement pruvat li ż-żewġ metodi kienu jwaslu għal

riżultat simili u setgħu jiġi wżati. Biss dan ma jfissirx li b'daqshekk l-appellant kien meħlus mid-dmirijiet tiegħu ta' saħħa u sigurta fuq il-post tax-xogħol. Fiż-żewġ każijiet l-appellant kellu l-obbligu li jara li dawn il-metodi differenti kif jiġi maqtugħ il-ħġieġ kienu jkunu jissodisfaw il-kriterji ta' kontenenza ta' riskju u ta' sikurezza u; kif ukoll li l-ħaddiema jkunu imħarġa sew f'dak ix-xogħol u f'dawk il-prattiċi kollha l-oħra anċillari għall-dak ix-xogħol.

9. Ġie pruvat soddisfaċentement li f'dan il-każ ma ġiex kummissjonat *risk assessment* speċifiku għax-xogħol li kien jagħmel Joseph Spiteri u l-prattiċi użati minnu. L-argument tal-appellant li Spiteri kien mgħallem f'dik is-sengħa bi tletin sena esperjenza warajh ma jreġix u dan bil-provi għax minkejja dik l-esperjenza kollha, in konsegwenza għal dan l-inċident huwa korra u miet. L-evalwazzjoni tar-riskju kellha ssir mhux biss dwar il-metodoloġija ta' kif huwa kien jaqta' l-ħġieġ iżda wkoll ta' aspetti oħra ta' kif kellu jieħu ħsieb tiegħu innifsu u l-prattiċi li huwa juża meta jkun qiegħed jagħmel dan ix-xogħol jew bi preparazzjoni għal dan ix-xogħol.

10. Ġie soddisfaċentement pruvat li l-ħruq li sofra Spiteri kien konsegwenti ċ-ċediment tal-istruttura tal-flixkun tal-plastik tad-*Dermofardi* li fih kien hemm il-*methylated spirit* maħżun. Spiteri kien qiegħed juża dan il-flixkun tal-plasik biex jaħżen fih ammont żgħir – mhux aktar minn litru – *methylated spirit* biex imbagħad jużah fil-proċess tal-qtugħ bid-djamant tal-ħġieġ *laminated* – u kien waqt episodju ta' tali użu li huwa sofra l-ħruq f'ġismu li wassal imbagħad għall-mewt tiegħu. Din il-Qorti ħadet *judicial notice after inquiry*

dwar dan il-flixkun tal-plastik bil-marka tad-*Dermofardi* fuqu u sabet li dan il-flixkun huwa intiż biex jikkontjeni likwidu għall-ħasil tal-idejn jew ta' partijiet oħra tal-ġisem. Żgur mhux intiż li jaħżen *methylated spirit*.

11. Skont ir-relazzjoni tal-Professur Alfred Vella il-kawża tal-ħruq li sofra Spiteri kienet dovuta għall-fatt li dan il-flixkun tal-plastik inqasam f'idejn Spiteri. Profs Vella jgħid li peress li f'dan il-flixkun kien qiegħed jiġi mferra' l-akoħol ossija *methylated spirit*, il-plastik tal-kontenitur ma baqgħax aktar morbidu iżda beda jibbies u jirriġidixxi ruħu. Dan kien qed juri li l-plastik beda jitlef il-*plasticizer marterial* li kien jirrendih artab u morbidu. F'dan il-każ din il-morbidezza u rtubija kienet intilfet minħabba li l-*plasticizer* idub ħafna fl-alkoħol. B'hekk il-proċess ta' deterjorazzjoni ta' dak il-flixkun kienet inevitabbli b'mod li eventwalment il-kontenitur kien destinat li jitmermer u jinqasam malajr bl-użu tiegħu. Minħabba l-mod kif kien dan il-flixkun – ċjoe b'toqba żgħira fuq it-tapp tiegħu – Spiteri kien kostrett li jagħfas dan il-flixkun biex il-likwidu setgħa joħroġ minnu. Minħabba li dan il-flixkun kien tmermerilu l-*plasticizer* u kien ibbies, mal-aħħar għafsa fatali, dan il-flixkun xpakka f'idejn Spiteri, u minnu ħareġ l-alkoħol kollu li kien hemm fih. F'dan il-waqt kien għad hemm xi fjamma taqbad fuq il-film tal-alkoħol li kien diġa ġie mferra' fix-xaqq ta' bejn il-partijiet maqsumin tal-ħġieġ. B'hekk l-alkoħol infirex fuq il-*panel* tal-ħġieġ u hekk kif il-flixkun tad-*Dermofardi* mimli bil-*methylated spirit* xpakka, l-akoħol li ħareġ ħa n-nar b'mod spontaneju u vjolenti. Seħħet *unconfined vapour phase explosion* ta' taħlita ta' arja u alkoħol

li ġie format mill-likwidu li sadattant tferrex fuq il-bank tal-qtugħ tal-ħġieġ u Spiteri sab lilu nnifsu fin-nofs tal-balla nar li rriżultat.

12. Dawn huma l-konklużjonijiet tal-espert tekniku dwar kif din l-isplużjoni seħħet u dwar il-kawża prossima tal-ħruq li sofra Joseph Spiteri in konsegwenza għall-dan l-inċident. Din il-Qorti ma taqbilx li dawn huma assunzjonijiet iżda tqis li huma konklużjonijiet li ġew bażati fuq il-provi li l-espert ra u semgħa, fuq dak li kkonstata u analizza u eventwalment wasluh għall-konklużjonijiet tiegħu bażati fuq l-għarfien tekniku u xjentifiku, nonche l-esperjenza tiegħu, fil-kamp in kwistjoni. Din il-Qorti ma tqisx li inġiebu xi raġunijiet serji għalbiex hija għandha tiskarta dawn il-konklużjonijiet tal-espert tekniku.

13. Illi huwa evidenti li flixkun tad-*Dermofardi* qatt ma kellu jiġi wżat b'mod konsistenti u ripetut għall-ħażna ta' *methylated spirit* u jiġi wkoll użat bħala *applicator* ta' dan il-*methylated spirit*. L-użu ta' dan il-flixkun jidher li kien wieħed relattivament fit-tul u ma kienetx xi prattika riċenti. Għalkemm Joseph Spiteri kellu tletin sena t'esperjenza fuq il-qtugħ tal-ħġieġ, ma jidherx li kellu għarfien biżżejjed ta' f'liema tip ta' kontenitur kellu jaħżen *methylated spirit* u liema tip ta' kontenitur setgħa juża bħala *applicator* għall-għan li ried.

14. Il-fatt li kemm l-appellant kif ukoll ħuh fix-xiehda tagħhom jgħidu li huma straħu fuq l-esperjenza pijonjeristika u r-reputazzjoni li kellhom Guillaumier Industries f'dan il-qasam ftit li xejn tgħin lill-

appellant. Il-fatt li Guillaumier setgħa kellhom isem rinomat ma kienx jeżonera lill-appellant milli jagħmel dak ix-xogħol meħtieġ relattiv għall-analiżi tar-riskju fuq kull aspett rilevanti tal-operat tal-kumpanija li kienet ġiet akkwistata. Il-fatt li kemm hu kif ukoll ħuh Raymond Cortis jikkonfermaw li huma ma kienux midħla tax-xogħol tal-ħġieġ u li kienu jistrieħu fuq l-esperjenza u t-teknika tal-impjegati staġjonati li akkwistaw mingħand Guillaumier Industries Limited kien anzi jixħed oneru akbar fuqhom li qabel jidħlu għal operazzjoni bħal dik, ikunu jafu sewwasew x'kienu r-riskji inerenti għal din it-tip t'attivita u tal-operazzjonijiet involuti f'dan in-negozju. Mal-mument li l-kumpanija Guillaumier ġiet akkwistata minn Calibre Industries, l-appellant kien sar legalment obbligat li josserva r-regoli tas-saħħa u sigurta fuq il-post tax-xogħol li issa huwa beda joffri lil dawk l-impjegati li qabel kienu jaħdmu ma Guillaumier Industries Limited. L-analiżi tar-riskju fid-diversi aspetti tal-operat ta' din il-kumpanija u l-prattiċi tax-xogħol li kienu jiġu użati kienet għalhekk l-akbar salvagwardja li l-appellant setgħa jkollu, aktar u aktar meta huwa kien għadu ġdid f'dak it-tip ta' negozju. Huwa issa sar *employer* – bl-obbligi kollha li dan iġib miegħu f'dan il-kamp.

15.Għalkemm huwa minnu li dan l-inċident setgħa ġie evitat li kieku Joseph Spiteri uża l-magna tal-qtugħ tal-lażer minflok il-metodu tradizzjonali, jibqa' l-fatt li, kif jargumenta l-istess appellant, iż-żewġ metodi kienu rikonoxxuti u ritenuti validi. In kwantu tali l-appellant bħala direttur tal-kumpanija li tħaddem lil Spiteri, kellu l-obbligu li jara li l-metodoloġija użata minn Spiteri, il-prattiċi

imħadmin nonche l-attrezzji użati minnu fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, kienu sikuri għas-saħħa u s-sigurta ta' Spiteri. Kieku Spiteri kellu l-għarfien li bil-ħażna tal-*methylated spirit* fi flixkun tad-Dermofardi għada pitgħada dan kien ser jinfaqa' f'idu, probabbilment kien jaħsibha darbtejn jekk ikomplix għaddej b'dik il-prattika. L-appellant kein messu kellu l-għarfien tar-riskju li Spiteri kien qiegħed ipoġġi lilu nnifsu u lil ħaddiema oħra u persuni oħra fuq il-lant tax-xogħol. Dak l-għarfien setgħa jottjenih billi jagħmel *risk assessment* dettaljat minn persuni esperti f'dak il-kamp.

16. Biss dan ir-riskju ma jirriżultax li ġie evalwat mill-appellant. L-anqas din il-prattika ma jirriżulta li ġiet b'xi mod iċċensurata mill-appellant jew minn ħaddieħor għalih. Il-fatt li l-appellant itenni li l-kumpanija kienet tafda f'idejn Spiteri in kwantu hu kien l-espert ukoll hija inkonsegwenzjali. Dan peress li fl-aħħar mill-aħħar bħala persuna li tħaddem, il-kumpanija mmexxija mill-appellant kellha xorta waħda l-obbligu li tissorvelja li Spiteri ma jużax prattiċi li jkunu perikolużi għalih jew għal ħaddiema oħra sħabu.

17. L-appellant kien obbligat li jara li dan ir-riskju naxxenti mill-użu ta' qtugħ bid-djamant u l-*methylated spirit* ikun analizzat u evalwat. Kellu jara li jekk dan l-użu ta' *methylated spirit* kienx wieħed indispensabbli jew setgħax jiġi mibdul b'metodu ieħor anqas riskjuż u perikoluż. Kif xehed ħuh Raymond Cortis mhux kull biċċa xogħol tista' tinħadem bil-magna tal-lażer. B'hekk jekk kien hemm xogħolijiet li riedu jinħadmu bil-metodu tradizzjonali huwa kellu jara li dan il-metodu jkun imħaddem bl-aktar prattiċi siguri

possibbli. Jekk ma setgħax jiġi evitat li jintuża l-*methylated spirit*, allura dan l-ispirtu kellu jiġi maħżun u mqiegħed *f'applicator* li ma jkunx ta' materjal li setgħa jiddeterjora b'mod tali li jixpakka f'idejn l-impjegat b'konsegwenzi traġiċi.

18. Dan jimponi obbligu ta' sorvejlanza attiva u kontinwa fuq id-direttur. F'dan il-każ tali sorveljanza ma tirriżultax li seħħet – anzi *ex admissis* l-appellant itenni li kien iħalli kollox f'idejn l-istess Spiteri għax hu kien l-espert. Biss dan il-każ wera li din kienet deċiżjoni mhux għaqlija u li ħalliet konsegwenzi serjissimi.

19. Anke jekk Spiteri kien verament mgħammar b'tagħmir ta' sigurta, jibqa' xorta inkombenti fuq l-appellant l-obbligu li jara li dan it-tagħmir jiġi użat u li jissorvelja li jiġi wżat. Fil-fatt li Spiteri kien mgħammar bi flixkun tad-*Dermofardi* għall-ħażna u applikazzjoni tal-*methylated spirit* juri li din is-sorveljanza ma kienetx tajba. Il-ħażna ta' dan l-ispirtu fi *store* separat hija miżura tajba. Iżda waħedha ma kienetx biżżejjed biex tevita dan l-inċident.

20. Il-fatt li l-appellant jargumenta wkoll li ħadd ma setgħa jipprevedi li l-flixkun kien ser jixpakka wkoll juri li l-appellant ma kellux l-għarfien biżżejjed li l-ħażna ta' tali spirtu fi flixkun ta' dak it-tip setgħa maż-żmien iwassal biex dan il-flixkun jixpakka. Kieku l-appellant imbarka b'evalwazzjoni fuq dan ir-riskju partikolari huwa kien ukoll ikollu għajnejh miftuħa għal din il-possibilita li b'taħriġ appożitu setgħet allura tiġi preveduta. Jekk għalih din l-eventwalita ma kienetx preveduta, din ma kienetx preveduta mhux għaliex ma kienx possibbli li tiġi prevista, iżda għaliex l-appellant

ma għamilx dik l-evalwazzjoni teknika meħtieġa biex din tkun tista' tiġi magħrufa minnu, u naturalment mill-impjegati tiegħu.

21. Meta tqis dan ix-xenarju probatorju, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellant, kwantu direttur uniku tal-kumpanija li kienet tħaddem magħha lil Joseph Spiteri naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurta ta' dan l-impjegat, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol. Dan peress li naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jirriżulta li kien hemm evalwazzjoni tar-riskji magħmula, din pero ma kienetx waħda li kienet komprensiva biżżejjed li tolqot l-aspetti u riskji varji li n-negozju li fih kien qiegħed jopera kien joffri. Dan l-obbligu tal-evalwazzjoni tar-riskji huwa wieħed attiv u kostanti. L-appellant ma jistax jargumenta li huwa kien għamel dik l-evalwazzjoni tar-riskji li kienet meħtieġa minnu mill-Awtorita u jieqaf hemm. Il-Liġi li tirregola s-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol tobbliga lil min iħaddem li jkun il-ħin kollu ppreparat u aġġornat kif ukoll li jkun irid jieħu azzjoni pożittiva u proattiva f'dan il-qasam. Ma jistax jikkuntenta bil-minimu. Anke jekk ma jkunx mitlub mill-Awtorita kompetenti, il-Liġi tpoġġi l-oneru fuqu li jieħu dawk il-miżuri ta' sigurta u prevenzjoni. Għalhekk kien obbligat li jiżgura li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikoli għas-saħħa u sigurta kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita tax-xogħol – inkluż dak il-mod ta' kif kien qiegħed jaħdem Joseph Spiteri,

minkejja l-esperjenza kollha li kellu. Barra minn hekk Spiteri ma kienx jaħdem waħdu f'dak l-ambjent. Kien hemm ukoll impjegati oħra. Dawn ir-regoli u l-evalwazzjonijiet kellhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jkunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża. U ġaladarba l-appellant kien direttur uniku ta' din il-kumpanija li kienet tħaddem aktar minn ħames ħaddiema, kellu jżomm fil-pussess tiegħu kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jiżgura li jkunu aġġornati regolarment. Ma jirriżultax li l-appellant ressaq prova sal-grad tal-probabbli li għamel dan.

22. Kemm dan l-irwol fuq min iħaddem għandu jkun attiv u proattiv jirriżulta wkoll mir-regolament 4 tal-Avviż Legali 36 tal-2003. L-appellant għandu jiżgura s-saħħa u s-sigurta tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol u jagħmel arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazjoni, kontroll, munitoraġġ, u rivista tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriża u li jrid jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol u għal dan il-għan jippreveni r-riskji fuq il-post tax-xogħol u li jipprovdi informazzjoni u taħriġ. Wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriża huwa kellu jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u li jevita r-riskji għas-saħħa u s-sigurta u li jevalwa dawn ir-riskji li ma jkunux jistgħu jiġu evitati u li jikkontrollahom mill-bidu u jadatta x-xogħol għall-

individwu; kif ukoll li jevalwa r-riskji għas-saħħa u s-sigurta fost l-oħrajn fl-għażla tat-tagħmir tax-xogħol, tal-prassi u l-attivitajiet tax-xogħol, u l-għażla u tagħmir tal-postijiet tax-xogħol, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-ħaddiema sabiex iwettqu x-xogħol assenjat lilhom mingħajr perikoli u li jiżgura li jsib titjib fil-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fejn jidħu saħħa u sigurta u dan ai termini tar-regolamenti 5(1)(i)(ii)(iii) u 6(1)(2) tal-Avviż Legali 36 tal-2003.

23. Mill-kwadru probatorju preżentat lilha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li mill-mod kif seħħ dan l-inċident, u mill-provi li rriżultaw minn dan il-każ, l-appellant kien responsabbli għal nuqqas ta' tħaris u osservanza ta' dawn il-liġijiet u regolamenti. Kif kien imfisser aktar il-fuq, kieku dawn l-obbligi ġew osservati mill-appellant, dan l-inċident setgħa faċilment jiġi evitat. Iżda aktar minn hekk, dan l-inċident seħħ u seħħ f'dan il-kuntest ta' nuqqas ta' għarfien da parti kemm tad-direttur kif ukoll tal-impjegat innifsu dwar ir-riskju li kien qiegħed jaħdem fih Spiteri, liema għarfien setgħa jkun evidenti kieku saret evalwazzjoni tar-riskju partikolari skont ma jippreskrivu dawn ir-regolamenti. In-nuqqas tal-ħarsien tar-regolamenti u tal-liġi għalhekk jorbot mal-inċident u l-konsegwenzi naxxenti b'mod inxindibbli. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel mal-argumenti imresqa mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu u tirrferi għalihom a skans ta' ripetizzjoni.

24.Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis*** deċiż nhar il-11 ta' Jannar 2007, l-Imħallef Joseph Galea Debono kien iddeċieda :

> Illi l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu: - li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; l-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b' dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz .
>
> Illi l-Qrati Inglizi investew il-kwistjoni ta' x' mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet simili ghall-Kap.424) li jkunu "reasonably practicable" u gie ritenut li din il-frazi "seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed." "Walter,Wilson &. Son v.Summerfield" [1956] 1W.L.R.1429). F' "Gibson v. British Insulated Calender's Construction Co. Ltd [1973] S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li "it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge." (Ara CHARLESWORTH "ON NEGLIGENCE" 6th. edit. pp.1152-1153). Fis-sistema penali taghna, il-contributory negligence tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru "Il-Pulizija vs. P. Vassallo." (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883) Kif jghid O.C. MAZENGARB fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b' approvazzjoni fl-Appell "Camilleri vs.Cutajar" [9.12.1968] "If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility.

25. Inoltre, fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizja vs. John Magro*** deċiż nhar il-11 ta' Diċembru 2008 l-istess Imħallef saħaq li :

> Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bbazata fuq l-artikolu 6 (1) tal-Kap. 424, din hi manifestament pruvata ghaliex irrizulta li ma sarx ir-risk assessment li hija wahda mill-mizuri li jridu jittiehdu minn kull employer biex jizgura li jinzammu l-livelli ta' protezzjoni tas-sahha w sigurta' skond l-art. 6 (1) (2) (a) (b) (c) (d) (e) tal-Kap. 424. Tajjeb li jigi rilevat li skond il-proviso ghas-subartikolu (1) l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha w sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jeffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem. Ghalhekk anki jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta f' dan il-kaz- li Farrugia kien hu stess il-kagun ta' dak li gralu bil-fatt li inkonsultament ipprova jiftah plug meta kien "live", dan xorta ma jezimix lill-appellati mir- responsabillta' taghhom bhala employers minn-nuqqasijiet taghhom skond din il-ligi specjali.

26. Inoltre, l-aspett ta' nuqqas ta' *risk assessment* speċifiku u aspetti varji dwar nuqqas ta' taħriġ u tagħmir speċifiku kien ukoll in parti s-suġġett t'appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Ronald M. Galea, John Magro, Michael Magro, Victor Curmi u Christian Magro*** deċiż nhar it-23 t'Awissu 2010 fejn ġie ritenut is-segwenti : -

> viii. Kwantu ghall-ewwel aggravju, din il-Qorti, mill-kumpless tal-provi, hi sodisfatta li s-socjeta` jew kumpanija in kwistjoni naqset milli tipprovdi adegwatament ghas-sahha u s-sigurta` tal-impjegati taghha u dan principalment minhabba tliet ragunijiet. Theuma kien jahdem fuq din il-magna – iz-z-mixer – saltwarjament. Infatti mid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti jirrizulta li dan aktar kien ircieva, ghall-ftit okkazjonijiet li kien ihaddem din il-magna, tharig informali minghand impjegati ohra bhalu, milli tahrig formali min xi hadd specjalizzat kif suppost. L-incident de quo gara fil-5 ta' Gunju 2007, mentri l-ahhar tahrig formali li Theuma (u zewg impjegati ohra) inghata proprju minn Victor Curmi kien fit-12 ta' April 2006 (ara d-dokument RA1 ezibit quddiem din il-Qorti waqt li kien qed jiddeponi ghat-tieni darba Kevin Theuma fit-23 ta' Ottubru 2009). Ghal persuna li, kif inghad, kienet thaddem din il-magna saltwarjament, dan certament ma kienx bizzejjed. ......L- unika forma ta' twissija li kien hemm fil-kamra fejn kienet tinsab iz-z-mixer biex dak li jkun joqghod attent qabel ma ma jibda l-process tal-iscraping kienet bicca karta, bhal dik li tidher a fol. 40, li kienet inserita f'folder tal- plastic u mwahhla

mal-hajt (ara d-deposizzjoni ta' John Magro tal-24 ta' Ottubru 2009). Apparti li l-avviz kien biss bl-Ingliz – "Do not put hand in 'Z' mixer while it is in motion. Wait for it to stop completely before scraping off the residues from the mix" – ma kien hemm ebda safety signage fis-sens ta' twissija b'mod grafiku, kif suppost ikun hemm. It-twissija mehtiega biex wiehed joqghod kontinwament attent kienet, ghalhekk, karenti. Mid-deposizzjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni Charles Micallef, jirrizulta li l-kumpanija ma kienet ghamlet ebda risk assessment specifikatament fir-rigward tal-process li ghalih kien jintuza z-z-mixer.

27. Illi dan qiegħed jingħad ukoll in kwantu l-appellant jikkontesta r-rabta bejn l-appellant u l-event dannuż. Kif intqal aktar il-fuq, ir-rabta bejn l-inċident u l-ħsara li sofra Spiteri mal-appellant tistrieħ fuq in-nuqqas t'osservanza tiegħu tar-regolamenti applikabbli għal dan il-każ u n-nuqqas ta' sorveljanza tiegħu fuq l-impjegati tal-kumpanija. Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli*** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar l-4 ta' Frar 1961 mill-Imħallef Ġużè Flores : -

Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju.

Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal- kondotta effetivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` ili fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d- diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46)...Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall- prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun

negligenza, bhala element tal-kolpa, in- nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kienitx tadopera fic-cirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienitx obiettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il- konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbiettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq innuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, is- sitwazzjoni tkun tipprezenta.

Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita` bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistx ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal-imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu. L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti.

28. Dan ġie ekeġġjat ukoll fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Richard Grech*** deċiż fil-21 ta' Marzu 1996 fejn ġie mistqarr dan li ġej : -

Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil- kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li

> filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.

29.Sentenza oħra spiss ċitata minn dawn il-Qrati fir-rigward ta' reati taħt l-artikoli 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali huwa l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju 1998 u fejn intqal : -

> Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju.

30.Dan għal darb'oħra huwa l-eku ta' dak li l-Professur Sir Anthony Mamo jgħid, fin-Noti tiegħu f'paġna 67: -

> In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable...The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.

31.Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Mustafa Gohar*** il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera[1] nhar l-20 ta' Novembru 2004 kienet stqarret is-segwenti : -

Kif spjiega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.

"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]

Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament

[1] U li kienet ukoll ġiet ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Norbert Grixti*** deċiża nhar it-2 ta' Diċembru 2016 mill-Maġistrati Dottor Donatella Frendo Dimech, fejn hemm ukoll rassenja ġurisprudenzjali interessanti ħafna dwar dan is-suġġett.

stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).

In fatti kemm fil-Codice Zanardelli kif wkoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l- prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita.

Kif jispjiega l-gurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta...Id-definizzjoni tal-Crivellari fil-Codice Penale - Vol III hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :
"la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto." (pagna 228, para. 32.).

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-nexus li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta chain of causation bejn l-att li holoq id-danni u d- danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie deciz nhar ssbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per Imhallef Harding li "Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist." Fil-fatt jkompli jghid:
"The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations."

Fil-fatt Maino fil-ktieb tieghu Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286) jghid
"E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti

non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita."

L-ezercizzju li l-ligi taghna timponi huwa biss l-ezami tal-operat tal-imputat li jkun biex jigi stabbilit kienx hemm da parti tieghu, xi att ta' kommissjoni jekk dan in-nuqqas kienx kawza anke jekk mhux l-unika wahda tal-event dannuz. Ma hemmx dubbju kif gie rilevat fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Joseph Busuttil et deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 1992 li l-persuna responsabbli mit-tmexxija tax- xoghol fuq il-post tax-xoghol hi tenuta tiehu l-prekawzjonijiet necessarji fic-cirkostanzi u dettata mir-raguni biex tigi evitata disgrazzja...S'intendi, isegwi ghalhekk li l-kulpa tista tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Awtorita pubblika dwar il-modalita ta' kif ghandu jsir xoghol f'sit taht kostruzzjoni u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita ta' hsara u dannu lil terzi, cioe dak lijkollu l-element ta' prevenzjoni bhalma hi l-Att dwar l-Awtorita tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-post tax- Xoghol [Att XXVII tas-sena 2000] Kap 424.

32.Kwindi din il-Qorti tqis li in bażi għall-fatti aktar il-fuq spjegati, għall-interpretazzjoni tal-Liġi kif inhi, kemm mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi imsemmija aktar il-fuq, din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza kundannatorja tagħha f'dan il-każ.

***Ikkunsidrat : -***

33.Illi l-appellant jappella wkoll mill-piena inflitta lilu. F'materja ta' piena, din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet **ħażina fil-prinċipju** jew kienetx **manifestament eċċessiva** meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża

nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ewwel Istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena, jew inkella li dik il-piena kienet manifestament eċċessiva.

34. Issa f'dan il-każ l-appellant itenni li l-piena kienet esaġerata minħabba :

(a) l-involviment marġinali tiegħu fl-operazzjonijiet tal-kumpanija stante li kien hemm struttura ta' *management* u kien hemm persuna responsabbli direttament mill-operazzjonijiet ġornaljeri tal-kumpanija, barra li kien sar rapport t'evalwazzjoni, għalkemm mhux speċifikament fuq ix-xogħol u l-operat ta' Spiteri;
(b) Spiteri kien ikkontribwixxa bil-kbir għall-dan l-inċident. Spiteri kien bniedem t'esperjenza kbira fil-qasam u kien jaħdem ma kumpanija li kienet rinomata bħala pijuniera. Minkejja dan huwa għażel minn jeddu li ma jużax il-magna tal-qtugħ bil-lażer u li kienet disponibbli għalih u b'hekk ikkontribwixxa attivament għall-inċident. Spiteri kien mogħti l-apparat protettiv meħtieġ u kien hu li għażel li juża flixkun tal-plastik biex jaħżen fih il-*methylated spirit* u jużah bħala *applicator*. Spiteri wkoll kellu l-ewwel responsabbilita mhux biss biex jagħmel dak kollu meħtieġ skont l-arti u s-sengħa iżda wkoll fejn tidħol sigurta. Il-metodoloġija użata mill-vitma kienet waħda minn tnejn li setgħu jiġu wżati.
(c) Wara li Spiteri inħaraq u ttieħed l-isptar, huwa kien beda jfieq sew, kien konxju, fuq saqajh u jitkellem normali. Ġara pero li waqt li kien għadu

rikoverat l-isptar qabditu infezzjoni u li kien minħabba din l-infezzjoni li feġġew diversi kumplikazzjonijiet li minħabba fihom spiċċa tilef ħajtu. Il-Qorti naqset milli tagħti piż meħtieġ lil dan il-fattur. Din kienet kumplikazzjoni li skont kif xehed il-kirurgu Francis X Darmanin kienet rari ħafna u fi żmien għoxrin sena prattika kienet l-ewwel darba li kien ra waħda bħala f'Malta.

35. Mill-banda l-oħra l-Avukat Ġenerali itenni li :

(i) Meta l-Qorti tal-Maġistrati ġiet biex teroga l-piena hija ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom il-kontributorjeta ta' Spiteri.

(ii) Il-kawża tal-mewt ta' Spiteri kienet dovuta għal komplikazzjonijiet li seħħew minħabba li nħakem minn *Toxic Shock Syndrome* li skont il-kirurgu Darmanin kienet rikonoxxuta bħala komplikazzjoni serja f'pazjenti li jkunu sofrew ħruq medju jew sever. B'hekk il-vitma miet minħabba li kien sofra ħruq fl-ewwel lok.

(iii) Il-piena kellha tirrifletti s-serjeta tal-fatt li persuna tilfet ħajjitha fuq il-post tax-xogħol.

36. Din il-Qorti jidhrilha li kwantu għall-piena applikabbli f'dan il-każ, għalkemm dil-piena kienet fil-parametri legali kemm fir-rigward tal-kwalita kif ukoll tal-kwantita tal-piena, mill-banda l-oħra ma qiesetx biżżejjed il-grad ta' responsabbilta' kontributorja għall-inċident da parti tal-vitma stess, nonche l-fatt li l-appellant, għalkemm kien l-uniku direttur f'dan il-każ, ma kienx l-uniku wieħed li naqas f'dan il-każ; kif ukoll li l-kawża tal-mewt għalkemm marbuta mal-inċident li seħħ f'dan il-każ, kienet ukoll dovuta għal ċirkostanza rari ħafna t'infezzjoni li seħħet jiem wara li l-vitma kien ġie rikoverat l-isptar. Il-konsiderazzjonijiet magħmula mid-Difiża jimmeritaw li jingħataw piż akbar u konsegwentement għandu jkun hemm temperament moderat fil-piena li għandha tiġi inflitta.

## ***Deċide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, tiddeċiedi illi tilqa' l-appell ta' Joseph CORTIS in parte u tvarja s-sentenza appellanta billi :

(a) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;
(b) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu għall-piena ta' disat elef euro multa (€9000);
(c) tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-appellant sabiex iħallas lir-Reġistratur is-somma ta' erba' mija u ħamsin euro wieħed u ħamsin ċenteżmi (€450.51) spejjeż in konnessjoni mal-medico-legal post mortem examination, mar-relazzjoni tal-Professur Alfred Vella, u dawk tas-Scene of Crime Officer PS1184, filwaqt li :-
(d) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' disa' xhur priġunerija li bis-saħħa tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ordnat li ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' sentejn il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***